MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 329/2004

**S. Mifsud & Sons Ltd.**

**Vs**

**John Ripard & Sons (Shipping) Limited f'isimha proprju u John Ripard & Son (Shipping) Limited bhala agent ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera Copex i.g.s BV.**

## Il-Qorti:-

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat avviz fejn talbet lil din l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha dak l-ammont li jista jigi liwidat, rapprezentanti danni sofferti minn Pieter Bregman f'konsenja ta' effetti personali li waslu Malta fuq il-vapur CMA CGM Bebussy, ghal liema danni qeghda tinzamm responsabbli s-socjeta attrici, u dan kif jirrizulta minn pretensjoni dedotta kontra l-istess socjeta attrici fil-kawza fl-ismijiet **Pieter Bregman vs S.Mifsud & SOns Limited** (Avviz Numru 327/04gg), peress li l-istess socjeta

attrici odjerna kienet issubappaltat il-garr ta’ merkanzija ‘n kwistjoni lis-socjeta konvenuta, kif ukoll danni li jistghu jigu sofferti mis-socjeta attrici fl-ezitu tal-kawza fl-ismijiet **S. MIfsud & Sons Ltd vs Pieter Bregman**, liema kawza kienet giet prezentata kontestwalment ma’ dan l-istess avviz.

Ghal finijiet ta’ kompetenza gie dikjarat li l-ammont tal-pretensjoni ta’ l-attrici ma eccedix il-hames elef lira Maltin (LM5,000).

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta konvenuta li kienet ingunta ‘n subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ John Ripard & Sons (Shipping) Limited pro et noe fejn espona s-segwenti:-

1. Illi l-kawza hi intempestiva fil-konfront taz-zewg konvenuti stante li s’issa s-socjeta attrici ma sofriet ebda danni.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici ma ghandhiex *locus standi judicii* fil-konfront tas-socjeta estera Copex I.G.S BV (“Copex”) stante li l-unika obbligu li ghandha Copex semmai, fil-konfront ta’ Pieter Bregman abbazi tal-kuntratt tal-garr li tieghu l-polza ta’ karigu hi evidenza (li kopja taghha giet annessa u markata Dok. ‘A’).

3. Illi,minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni fir-rigward tas-socjeta konvenuta Copex, stante l-partijiet ghall-kuntratt ta garr, u cioe Copex u s-sur Pieter Bregman, qablu li “Any claim or dispute in connection with the carriage of goods under this Bill of Lading may only be instituted before the competent court in Rotterdam, The Netherlands and shall be decided according to Dutch Law” (Klawsola 21 tal-polza ta’ karigu).

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, il-merkanzija waslet f’kundizzjoni tajba ai termini ta’ l-ordni li kienet saritilha mis-sur Bregman li

naqas milli jinnotifika kif suppost lil Copex b'xi difett jew problema fil-merkanzija kif konsenjata ai termini ta' l-istess polza ta' karigu (Klawzola 18 tal-polza ta' karigu.)

5. Illi s-socjeta attrici m'ghandhiex *locus standi judicii* fil-konfront tas-socjeta John Ropard & Son (Shipping) Limited f'isimha proprju ("JRS") stante li JRS agixxiet bhala agent w in rapprezentanza ta' Copex.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjetajiet konvenuti m'humiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-sur Pieter Bregman u li possibilment jista jirkupra fil-kawza dedotta kontra s-socjeta attrici fl-ismijiet Pieter Bregamn vs S. Mifsud & Sons Limited (Avviz Numru 327/04GG) u lanqas ghall-ebda danni li jistghu potenzjalment jigu sofferti mis-socjeta attrici fl-ezitu tal-kawza fl-ismijiet S. Mifsud & Sons Ltd vs Pieter Bregman (Talba 1236/04AJD) stante li l-istess socjeta konvenuta JRS, flimkien mas-socjeta estera Copex, qdew id-dmir taghhom ta' konsenja ta' merkanzija bil-galbu u bl-attenzjoni mehtiega ta' *bonus paterfamilias* u kwindi, stante li ebda negligenza ma tista tigi attribwita lilhom, ma jistghux jinzammu responsabbli ghall-allegati danni u/jew spejjes li gew, jew li ghad jigu nkorsi.

7. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fus-is-socjeta attrici li turi li fil-fatt id-danni li allegatament sofra Pieter Bregman b'rizultat tal-konsenja in kwistjoni, kienu danni li gew sofferti minhabba li fil-fatt il-merkanzija li gew sofferti minhabba li fil-fatt il-merkanzija ngarret ma ohrajn fl-istess *container* (*by groupage*) u mhux wahedha f'container wiehed (*full load container*).

8. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, in oltre, jinkombi wkoll fuq is-socjeta attrici li tipprova li fil-fatt s-Sur Bregmman nkorra daqstant danni u li onora l-obbligu tieghu u cioe dak li jnaqqas kemm jista jkun id-danni li allegatament gew inkorsi.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar it-tlieta (3) ta' Dicembru 2004 dehru l-partijiet quddiem il-Qorti u qablu li din l-kawza kellha tistenna l-

ezitu ta' kawza ohra konnessa fl-ismijiet "**<u>Pieter Bregman vs S. Mifsud & Sons Ltd" numru 327/04GG</u>** li kienet differita ghat-tnax (12) ta' Jannar 2005 w ghalhekk dakinhar din il-kawza giet differita sine die riappuntabbli wara decisjoni finali fil-kawza msemmija.

Illi b'rikorsprezentat mis-socjeta attrici nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru 2006 din il-Qorti diversament preseduta giet mgharrfa li s-sentenza fuq imsemmija giet deciza finalment w ghalhekk talab li din il-kawza tigi appuntata u titpogga fuq il-lista.

B'digriet taghha tas-sebgha (7) ta' Frar 2007 din il-Qorti kif preseduta appuntat il-kawza ghall-hmistax (15) ta Marzu 2007.
Illi nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju 2007 xehed **Dion Buhagiar Said** prodott mis-socjeta attrici w ikkonferma li huwa mpjegat mas-socjeta attrici nkarigat imexxi l-*cargo*. Spjega li s-socjeta attrici kienet giet imqabbda minn Pieter Bregman ghan-nom tal-hanut *The Light Shop.* Qal li dan Bregman kien ghamel ordni sabiex igibulu xi konsenja ta' merkanzija mill-Olanda. Qal li huma kienu ghamlu *booking* mas-socjeta konvenuta John Ripard & Son Limited, permezz ta' *e mail* sabiex din l-istess konsenja tingieb Malta gewwa *full load container.* Sussegwentement ighid li huma nfurmaw lill-klijent taghhom b'din l-ordni.

Huwa esebixxa *e mail* datata sebgha (7) ta' Mejju 2003 mibghuta lilu mis-socjeta konvenuta u din giet markata bhala Dok. A. Jghid li l-konferma mbaghad saret a voce b'mod verbali.

Spjega li Sue Schembri lil min giet inidrizzata l- *e mail* tahdem mas-socjeta attrici filwaqt li Mandy imsemmija fl – *e mail* u Steve Amaira u li effettivament kiteb l-*e mail,* jahdmu mas-socjeta konvenuta.

Jghid li sussegwentement l-merkanzija waslet Malta u ircevew *notice of arrival* minghand is-socjeta konvenuta Ripard & Son (shipping) Ltd li minn dan id-dokument indunaw li l-konsenja ma waslitx gewwa *full load container*

izda *groupage* nonostante li huma halsu ghal *full load container.*

Mistoqsi jekk kienx hemm xi hsarat minhabba li l-konsenja waslet *groupage* ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li huma nsistew li l-merkanzija tasal Malta gewwa *full load container* skond il-prezz li ftehmu izda arbitrarjament is-socjeta konvenuta bidlet fehmtha u baghtet il-konsenja b'mod differenti kif miftiehem bejniethom. Jghid illi is-socjeta konvenuta qatt ma talbithom sabiex jikkunsidraw li l-merkanzija tasal fi *groupage* w indunaw li l-merkanzija waslet hekk minn *notice of arrival* u cioe minn fejn kellhom imorru sabiex jigbru l-mekanzija una volta waslet hawn Malta.

Huwa esebixxa dokument iehor li gie markat bhala Dok. C li jindika li meta l-merkanzija waslet fid-*depot* ta' l-agent tas-socjeta konvenuta gewwa l-Olanda huma ndunaw li ma kienux ser jimlew *container* u kien ghalhekk li ddecidew li jibghatu l-merkanzija *groupage*. Huwa spjega li din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'merkanzija personali tas-Sur Bregman.

Ikkonferma li s-Sur Bregman zammhom responsabbli ghall-hsarat li huwa sofra. Ikkonferma wkoll li l-istess Sur Bregman fetah kawza kontra is-socjeta minnu rapprezentata u din tinsb deciza favur tieghu ghaliex huma gew kkundanati jhallsuh is-somma ta' LM1,660 oltre l-ispejjez tal-proceduri. Din is-sentenza nghatat nhar il-hmistax (15) ta' Novembru 2006 u tinsab esebita fl-atti w immarkata bhala Dok. B (fol.23).

Ix-xhud zied ighid l apparti din is-somma ta' Lm1,660 huma qed jippretendu wkoll minghand il-konvenuti s-somma ta' LM2,609.54 rapprezentanti spejjes fil-Qorti. Huwa esebixxa *breakdown* ta' din is-somma, liema *breakdown* hi markata bhala Dok. D.

Jghid li huwa kien jaf li s-socjeta konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited kienet qed tagixxi ghan-nom tal-agenti taghha gewwa l-Olanda Copex. Ikkonferma li

huma ma kienux qed jitolbu l-ispejjez involuti fil-kawza S. Mifsud & Sons vs Pieter Bregman kif imsemmi fl-avviz.

In kontro-ezami nhar is-sittax (16) ta' Ottubru 2007 ighid li huwa wasal ghall-konkluzjoni li l-merkanzija waslet imkissra, ghaliex waslet *groupage.* Spjega li meta merkanzija tasal *groupage* akter hemm *chance* li jkun hemm hsarat ghaliex l-merkanzija fit-tragitt taqa' fuq merkanizja ohra li jkun hemm. Jghid li huwa jaf li l-merkanzija waslet *'damaged'* ghax hekk qallu l-burdnar. Ikkonferma li s-socjeta attrici ghada ma hallsitx lis-Sur Bregman tal-hsarat li sofra, ghalkemm il-merkanzija tinsab ghandu.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi assikurazzjoni fuq ix-*shipment* huwa rrisponda fl-affermattiv. Qal li l-konsenja kienet assigurata bhala dik li kellha tigi konsenjata gewwa *full load container u* meta marru jghamlu *claim* gew mgharrfa li ma kienux koperti bil-polza ghaliex il-merkanzija waslet *groupage.* Huwa spjega li peress li s-Sur Bregman kellu jaghti xi flus lis-socjeta attrici, huma kienu ghadhom ma hallsuhx u dan peress li s-socjeta attrici bi hsiebha tghamel xi *set off* mieghu.

Illi nhar it-tlieta w ghoxfrin (23) ta' Mejju 2007 xehdet **Sue Schembri** prodotta mis-socjeta attrici, fejn kkonfermat li hija tahdem bhala *clerk* fid-dipartiment tal-*cargo* mas-socjeta attrici. Qalet li hija kienet responsabbli sabiex tghamel il-*bookings* u tiehu hsieb il-korrispondenza relatata mal-*bookings.*

Ikkonfermat li s-socjeta attrici kellha klijent Pieter Bregman li kien talabha sabiex iggib xi merkanzija mill-Olanda gewwa *full load container* w ghalhekk hija kienet ghamlet kuntatt mas-socjeta konvenuta u staqsietha ghall-prezzijiet ta' *container full load.* Hija giet murija l-*e mail* esebita fl-atti w immarkata bhala Dok. A w ikkonfermat li kienet taf dwarha u li s-socjeta konvenuta kienet taf li l-klijent taghhom kien ordna *conainter full load.*

Dan nonostante tghid li l-merkanzija kienet waslet Malta fi *groupage container*. Ikkonfermat li s-socjeta qatt ma

nfurmathom li kienet ser tibaghat l-merkanzija gewwa *groupage container* u saret taf dwar dan meta l-merkanzija effettivament waslet Malta u cioe mann *notice of arrival* tal-merkanzija. Qalet li l-klijent taghhom mill-ewwel kien cemplilhom u qalilhom li kien hemm xi hsarat fil-merkanzija u huma nfurmaw lis-socjeta konvenuta dwar dan. Hija tichad li s-socjeta konvenuta tramite Steve Amaira, kienet qaltilhom li l-merkanzija kienet gejja *groupage* ghax kien aktar *cost effective.*

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Gunju 2008 xehed **Steve Amaira** prodott mis-socjeta konvenuta fejn qal li fiz-zmien meta nqalet il-kwistjoni ma Pieter Bregaman, huwa kien jokkupa l-kariga ta' *salesman* mas-socjeta konvenuta. Fil-fatt ighid li dam jahdem maghhom ghal erba' snin. Jghid li huwa jiftkar li s-socjeta konvenuta kienet cemplitilhom u talbithom sabiex tghamilhom xi *shipping* mill-Olanda u huma kienu nkarigaw lill-agenti taghhom Copex gewwa l-Olanda sabiex ighamlu dan ix-xoghol.

Ikkonferma li s-socjeta attrici kienet talbithom sabiex igorru x-xoghol gewwa *full load container* u mhux *groupage*. Irrizulta ukol li x-xoghol li s-socjeta attrici riedet kien jikkonsisti fi tmien metri kubici. Sussegwentement l-agent taghhom Copex qalilhom li kien ikun ahjar li jgibu l merkanzija *groupage* ghaliex l-ispazju li riedu kien wiehed zghir. Qal li huwa kien cempel lil Sue Schembri pero is-Sur Mercieca kien qallu biex jipprocedi u jgib il-merkanzija *groupage* u naturalment il-prezz kien jonqos u fil-fatt vera kien rahas. Mistoqsi jekk kienx hemm xi konferma b'xi kitba jew b'xi *e mail,* ix-xhud qal lil ma kienx hemm ghaliex kienet kwistjoni ta' malajr. Mistoqsi jekk kienx ra l-*container* una volta kien wasal Malta x-xhud wiegeb fin-negattiv.

Mistoqsi 'n kontro-ezami jekk kienx minnu li effettivament ma kienx cempel lil Sue Schembri, huwa kategorikament jikkonferma li kien cemplilha u jghid li din qaltlu sabiex imexxi pero basta il-prezz ikun irhas. Jghid li effettivament hekk kien gara.

Meta x-xhud gie muri l-*e mail* a fol. 29 datat l-ewwel (1) ta' Lulju 2003, huwa kkonferma li din kienet l-*e mail* li huwa baghat lil SMS u kopja taghha lil Sue Schembri. Ikkonferma li fiha ma kitibx li kien diga kellem lil Sue Schembri izda sostna li Sue Schembri kienet taf b'dak li kien ghaddej.

Mistoqsi jispjega x'ried ighid bil-kliem '*our decision' fl-e mail li baghat* lil Sue Schembri fl-ewwel (1) ta' Lulju 2003 Dok*.* C*,* ix-xhud ighid li ried ifisser ghad-decisjoni mehuda minnu flimkien ma Sue Schembri*.*

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Gunju 2007 xehed **Joe Theuma** prodott mis-socjeta konvenuta w ikkonferma li huwa jahdem mas-socjeta konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited.

Dan ikkonferma li skond id-dokument li huwa esebixxa u li gie markat bhala Dok. JT, jirrizulta li s-socjeta konvenuta gabet Malta sitta u tlettin kaxxa ghal 'The Light Shop' flimkien ma xi xoghol iehor ghal xi terza persuna. Ikkonferma li x-xoghol ta' 'The Light Shop' kien okkupa tmien metri kubi waqt li l-*container* jesa bejn digha u ghoxrin u tletin metru kubu. Ikkonferma li dan il-*container* wasal Malta bi tnax il-metru kubu ta' *occupancy*.

Huwa esebixxa ukoll id-*delivery order* li juri x-xoghol li kien ordna l-klijent 'The Light Light Shop', liema dokument gie mmarkat bhala Dok. JT 1. Dan huwa endorsjat minn fizzjal tad-Dwana. Esebixxa wkoll kopja tal- *gate pass out* li giet markata bhala Dok. JT 2. Minn ezami ta' dan id-dokument ahhari jirrizulta li wiehed mill-kartelluni serje 678 kellu xi hsarat fuqu. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq dan id-dokument JT 2*.*

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Gunju 2007 xehed **Michael Buttigieg** prodott mis-socjeta konvenuta. Huwa jghid li ilu jahdem mas-socjeta konvenuta ghal sitta u tletin sena u jokkupa l-kariga ta' Sales Manager. Qal li s-socjeta konvenuta tirrapprezenta lis-socjeta estera Copex u li s-socjeta attrici kienet taf dwar dan.

Huwa kkonferma li Steve Amaira kien kellem lil Sue Schembri fuq it-telefon u dan ghaliex ighid li dak iz-zmien l-iskrivanija tieghu kienet hdejn dik ta' Steve Amaira u jidhirlu li kien qed jitkellem maghha quddiemu. Qal li semghu ighid '*go ahead'* lis-socjeta Copex li kien maghha fuq it-telefon waqt li kien qed jitkellem maghha sabiex il-merkanzija titlaq *groupage.*

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Ottubru 2007 is-socjeta attrici pprezentat nota li permezz taghha esebiet l-polza ta' karigu msemmija fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti. Din giet markata bhala Dok. A.

Semghet il-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar 2008.

Ikkunsidrat:-

Illi bhala fatti ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni fis-sens li s-socjeta attrici qed tghid li hija inkarigat lis-socjeta konvenuta sabiex iggib xi merkanzija mill-Olanda bhala *full load container* ghall-klijent taghha Pieter Bregman waqt li s-socjeta konvenuta tirrikonoxxi li dan kien minnu pero tghid li 'n segwitu tat-trattativi, kienet irceviet struzzjonijiet minghand l-agent taghha Copex li ma kienx val la pena tibghat *full container* meta l-ordni tal-klijent kien jammonta ghal tmien metri kubi w ghalhekk iddecidiet li tibghat il-merkanzija *groupage*. Is-socjeta konventa tghid li hija nfurmat lis-socjeta attrici waqt li s-socjeta attrici tichad dan il-fatt u dan hu proprju il-pern tal-kwistjoni.

Illi ghalhekk minn dan jirizulta bic-car li il-mandat kien bejn is-socjeta attrici fl-interess tal-klijent taghha li ma jifformax parti diretta mill-mandat u cioe s-Sur Bregman w is-socjeta konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited li sussegwentement tat stuzzjonijiet lill-agent taghha Copex li wkoll ma kellhiex x'tasam mal-mandat moghti mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.

In linea ta' principju generali riferibilment ghar-regoli enuncjati fil-ligi dwar l-istitut tal-mandat, malli jinholoq kuntratt bhal dan jitwieled bejn il-mandat u l-mandatarju certi drittijiet u dmirijiet. Hekk il-mandatarju hu, ex Artikolu 1873 tal-Kodici Civili, obbligat jesegewixxi l-mandat, u l-ligi fl-istess dispost, tikkontempla l-konsegwenza jekk il-mandatarju jonqos minn dan l-obbligu tieghu bil-kliem "*fil-kaz ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwiegeb ghad-danni u mghaxijiet*." Naturalment skond ic-cirkostanzi, jitwieldu wkoll mill-istess kuntratt ta' mandat relazzjonijiet ma terzi. Fil-kaz in specie is-socjeta konvenuta John Ripard & Son Shipping Limited kellha l-funzjoni solita li tara li l-agent taghha gewwa l-Olanda jesegwixxi t-talba taghha u cioe li l-merkanzija tghaddi gewwa *container full load* u mhux iccedi ghall pressjoni tal-agent u taghtih struzzjonijiet kuntrarji ghall-mandat moghti lilha mis-socjeta attrici. Dan ghaliex l-agent Copex fil-konfront tas-socjeta konvenuta wkoll ghandu l-obbligi tieghu.

Issa skond l-artikolu 1864 tal-Kap 16 "*Il mandatarju ma jista jaghmel xejn li johrog mill-limiti tal-mandat",* u l-mandant mhux obbligat ghal dak li l-madnatarju jaghmel barra mill-limiti tas-setgha li jkun inghata hlief " *jekk hu* (il-mandant) *ikun irratifika espressament jew tacitament dal l-eghmil*" Art. 1880(2).

Skond l-artikolu 1874(1) tal-Kap 16 *"Il-<u>mandatarju</u> iwiegeb mhux biss ghall-eghmil doluz, izda wkoll ghal negligenza f-esekuzzjoni tal-mandat" (sottolinear ta' din il-Qorti)*

Issa skond is-sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) nhar il- hamsa (5) ta' Frar 1971 fl-ismijiet **<u>Ethel Farrugia vs Albert Von Brockdorff noe</u>** u nhar id-disgha (9) ta' April 1976 fil-kawza fl-ismijiet **<u>George Debono noe vs Edgar Pugliesevich</u>** "*m'hemmx kwistjoni li min jallega l-ezistenza tal-mandat ghandu l-obbligu fuqu li jipprovah*".

Issa mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li s-socjeta attrici kienet tat mandat specifiku lis-socjeta konvenuta fejn talbitha sabiex iggib l-effetti personali tas-

Sur Pietr Begman mill-Olanda f'*container full load*. Illi dan il-mandat gie konfermat anke mix-xhieda tas-socjeta konvenuta. Illi pero s-socjeta konvenuta tghid li fil-mori tat-trattativi s-socjeta attrici, giet infurmata bid-decisjoni taghha u cioe li l-merkanzija tasal Malta f'*container groupage*.

Pero mill-provi prodotti l-Qorti mhiex konvinta u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti s-socjeta konvenuta marret lil hinn mill-mandat moghti lilha.

Illi huwa ben not li ftehim bejn il-partijiet jorbot lill-istess partijiet sakemm ma jkun hemm xejn li jmur kontra l-ligi f'dak il-ftehim. Dan huwa dak li hu maghruf bhala *pacta sunt servanda*. Kif inghad, huwa t'importanza massima fil-ligi dwar relazzjonijiet bejn persuni u l-partijiet kontraenti:

"*Li l- principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*" (ara A.C. datat hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines"** u **"General Cleaners Company Limited vs Accountant General" –** P.A. (RCP) – disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 2001).

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta konvenuta kisret il-ftehim li kellha mas-socjeta attrici meta halliet lill-agent taghha Copex igib il-merkanzija mill-Olanda gewwa *container groupage*.

Ghalhekk huwa s-socjeta konvenuta li trid tirrispondi ghal dan in-nuqqas. Fil-fatt fis-sentenza **Vassallo noe vs Ebejer et** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Kummerc fis-sbatax (17) ta' Marzu 1936 u konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar l-erbgha (4) ta' Dicembru 1936 u dan b'approvazzjoni ghal dak li ntqal fid-***Digesto Italiano*** li:-

"*Il mandante non e obbligato per quello che il mandatario avesse fatto oltre tali facolta, se cio non e stato espressamente Io tacitamente ratificato. La ragione di tale disposizione e chiara e evidente, manca il consenso del mandante per tutto cio che il mandatario compie eccedendo I lmiti del mandato, onde tali atti si considerano come non avvenuti riguardo al mandante; essi non gli giovano ne lo pregudicano; sono res inter alios acta.*"

Il-Qorti ghaddiet biex tezamina l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti.

Illi 'n linea preliminari s-socjetajiet konvenuti eccepew li l-azzjoni hija intempestiva ghaliex s-socjeta attrici ma sofriet ebda danni.

Dwar dan il-Qorti ma taqbilx u dan ghaliex appena s-socjeta konvenuta ma esegwitx il-mandat lilha moghti mis-socjeta konvenuta hija giet esposta ghad-danni kif del resto gara meta s-Sur Pieter Bregman fetah kawza ghad-danni kontra taghha, liema kawza giet deciza llum w is-socjeta attrici giet kkundnnata thallsu somma flus rapprezentanti danni li huwa sofra fl-iskarigg tal-merkanzija tieghu mill-Olanda ghal Malta.

Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Fit-tieni lok is-socjetajiet konvenuti eccepew li s-socjeta attrici m'ghandhiex *locus standi judicii* fil-konfront tas-socjeta estera Copex I.G.S.

Din il-Qorti tirrileva li 'n linea mal-insenjament tal-Qrati taghna li l-obbligazzjoni kontrattwali f'dan il-kaz hija bejn s-socjeta attrici w is-socjeta konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Benjamin Bonnici noe vs Francis Vella et** noe deciza nhar it-tletin (30) ta' Ottubru 2000 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li:

*"Mill-provi prodotti jirrizulta kjarament li r-rabta kontrattwali kienet bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta. Kull sub appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nominee u t-terz, minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni dap arte tas-socjeta attrici m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta attrici ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz…"*

Dan hu appuntu l-kaz in ezami u cioe li s-socjet attrici kellha relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta konvenut John Ripard & Son (Shipping) Limited u ma hadd aktar. Ir-relazzjoni ta' bejn s-socjeta konvenuta u l-agent esteru Gopex I.G.S. ma jorbotx is-socjeta attici u ma jikkostitwixxix relazzjoni maghha.

Ghaldaqstant din it-tieni eccezzjoni qieghda tigi milqugha.

Fit-tielet lok is-socjetajiet konvenuti eccepew li din il-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni fir-rigward tas-socjeta estera konvenuta Copex I.G.S u dan a bazi tal-klawsola numru 21 tal-Polza ta' Karigu esebitu fl-atti u market bhala Dok. A.

Dwar dan il-Qorti tiddikjara li s-socjeta attrici mhiex parti mill-Polza ta' Karigu esebit fl-atti u ghalhekk dak li hemm miktub fih ma jorbotx lis-socjeta attrici w ghalhekk tali eccezzjoni qeda tigi michuda.

Dwar ir-raba eccezzjoni s-socjetajiet konvenuti jghidu li l-merkanzija waslet Malta 'kundizzjoni tajba' ai termini ta' l-ordni li kienet saritilha.

Bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbel xejn ma dan u dan ghaliex jirrizulta mill-provi ghas-sodisfazjoni taghha li Pieter Bregman sofra danni fil-merkanzija li waslitlu u jekk s-Sur Bregamn naqas li jinforma lis-socjeta estera Copex ai termini tal-klawsola 8 tal-Polza ta Karigu esebit, is-socjeta attrici m'ghandhiex tbati ghal tali nuqqas ghaliex hija matifformax parti minn din il-polza w ghalhekk il-

klawsoli hemm imsemmija ma jorbtuhiex u ghan-nuqqas ta’ terzi m’ghandhiex issofri hi.

Konsegwentement din l-eccezzjoni ukoll qeda tigi michuda.

Is-socjetajiet konvenuti eccepew ukoll illi s-socjeta attrici m’ghandhiex *locus standi judicii* fil-konfront tas-socjeta John Ripard & Son (Shipping) Limited f’isimha proprju (JRS) stante li JRS agixxiet bhala agent w in rapprezentanza ta’ Copex.

Il-Qorti ma taqbilx ma din l-eccezjoni u dan ghaliex s-socjeta konvenuta JRS kellha rabta kontrattwali mas-socjeta attrici ndipendentement mir-relazzjoni li hija kellha ma l-agent taghha Copex u l-mandat li kellha s-socjeta attrici kienet maghha mas-socjeta konvenuta personali.

Konsegwentement din l-eccezzjoni qieghda ukoll tigi michuda.

Illi fis-sitt eccezzjoni s-socjetajiet konvenuti jecepixxu li huma m’humiex responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici u dan ghaliex huma qdew d-dmir taghhom bil-galbu u bl-attenzjoni mehtiega ta’ *bonus paterfamilias.*

Illi bir-rispett kollu dan mhux minnu ‘l ghaliex is-socjeta konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited agixxiet fuori t-termini tal-mandat taghha fl-istruzzjonijiet li hija tat lill-agent taghha w ghalhekk hija din is-socjeta li ghandha tirrispondi ghad-danni rizultanti minhabba dan in-nuqqas.

Din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Is-socjetajiet konvenuti jeccepixxu li s-socjeta attrici kellha tipprova li d-danni li sofra Bregman gew kawzati minhabba l-fatt li l-merkanzija ngarret ma ohrajn fl-istess *container* (*groupage*).

Illi bir-rispett kollu s-socjeta attrici sostniet li hija ridet l-merkanzija taghha tasal f’ *full load container* u fil-fatt harget polza t’assikurazzjoni hekk u minhabba l-fatt li s-

socjeta konvenuta Ripard ma esegwitx il-kuntratt kif miftiehem il-merkanzija ma kienitx koperta bil-polza t’assikurazzjoni w ghalhekk id-danni li sofriet is-socjeta attrici sofriethom ghaliex l-merkanzija waslet go *container groupage.* Ghalhekk is-socjeta attrici pprovat li hija sofriet danni minhabba l-fatt li l-merkanzija ngarret ma merkanzija ohra fl-istess *container*.

Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

Illi fl-ahhar eccezzjoni s-socjetajiet konvenuti eccepew li kien jispetta s-socjeta attrici tipprova li s-Sur Bregman inkorra daqstante danni.

Illi mill-provi prodotti u cioe mix-xhieda ta’ Dion Buhagiar Said jirrizulta li s-socjeta attrici qed tippretendi s-somma ta’ LM2,609.54 skond id-Dok. D esebit fl-atti a fol. 31 tal-process, liema document ma giex kontestat mill-konvenuti.

Minn ezami ta’ l-istess jirrizulta li s-socjeta attrici giet ikkundannat thallas lil Bregman is-somma ta’ LM 1,660 bhala danni permezz tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-hmistax (15) ta’ Novembru 2006 fl-ismijiet **Pieter Bregman u Maria Teresa Bregman-Borg vs S. Mifsud & Sons Limited** bl-imghaxx ta’ LM486.93.

Illi skond dan l-istess dokument is-socjeta attrici qed tippretendi wkoll is-somma ta’ LM262.21 rapprezentanti l-ispejjez tal-Qorti fil-kawza gia msemmija, oltre spejjez ta’ Lm230.12 dovuti lis-socjeta attrici u l-ammont ta’ LM20.28 rapprezenanti VAT fuq id-drittijiet professjonali li hija hallest in konessjoni ma din l-istess kawza gia msemmija. B’kollox ghalhekk qed tippretendi s-somma ta’ LM2,659,54.

**Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li qeda tilllibera s-socjeta konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited bhala agent u ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta estera Copex I.G.S mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda wkoll tichad l-eccezzjonijiet kollha**

**tas-socjeta John Ripard & Son (Shipping) Limited f'ismiha proprju salv ghat-tieni eccezzjoni li qeda tilqa, u tiddikjara li qed tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited sabiex thallasha s-somma ta' 6196.15 Euro rapprezentanti s-somma ta' elfejn sitt mija disgha u hamsin lira u erbgha u hamsin centesmu Maltin LM2,659.54.**

**Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri jithallsu 'n kwantu dawk konessi mas-socjeta konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta estera Copex I.G.S mis-socjeta attrici u r-rimanenti spejjez u l-imghax jithallsu kollha mis-socjeta konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited f'isimha proprju.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------